PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

20.11.2007 PE398.283v01-00

EMENDI 1-119

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni (PE396.533v01-00)
Jean-Marie Cavada
imressaq bi tweġiba għall-mistoqsijiet orali b'dibattitu B6-0139/2007, B6-0313/2007 u B6-0314/2007

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 1
Ċitazzjoni 1 a (ġdida)

1a. - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-25 u s-26 ta' Marzu 2004, l-aktar id-Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2004 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, li kienet tinkludi klawsola ta' solidarjetà,

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 2
Ċitazzjoni 1 b (ġdida)

1b. - wara li kkunsidra r-Rapport 'Alleanza taċ-Ċivilitajiet' ippreżentat lis-Segretarju Ġenerali tan-NU fit-13 ta' Novembru 2006,

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 3
Ċitazzjoni 1 c (ġdida)

1c. - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-14 ta' Frar 2007 dwar l-allegat użu tal-pajjiżi Ewropej mis-CIA għall-ġarr u ż-żamma illegali ta' priġunieri,

Or. en

Emenda mressqa minn Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Emenda 4
Premessa -A a (ġdida)

Aa. billi t-terroriżmu huwa theddida għas-sikurezza taċ-ċittadini kollha ta' l-UE u għalhekk għandha tiġi miġġielda bis-saħħa, filwaqt li fl-istess ħin għandu jiġi muri rispett bla kunduzzjoni lejn id-drittijiet fundamentali; billi f'termini konkreti l-miżuri sabiex jiġġieldu t-terroriżmu u r-rispett għad-drittijiet fundamentali huma kompatibbli,

Or. es

Emenda mressqa minn Mario Borghezio

Emenda 5
Premessa A a (ġdida)

Aa. huwa mħasseb għat-twaqqif riċenti ta' l-'Al-Qaeda fil-Magħreb Islamiku', li l-attivitajiet terroristiċi tagħha huma mmirati lejn iċ-ċittadini u l-interessi Ewropej fl-inħawi,

Or. it

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 6
Paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Ifakkar lill-Kunsill dwar il-wegħdiet tiegħu lill-Parlament Ewropew u jistiednu sabiex finalment jadotta d-deċiżjoni ta' qafas dwar il-protezzjoni ta' dejta personali pproċessata fil-qafas tal-koperazzjoni ġudizzjarja u bejn il-pulizija f'affarijiet kriminali u d-deċiżjoni ta' qafas dwar ċerti drittijiet proċedurali fil-proċeduri kriminali madwar l-Unjoni Ewropea, qabel ma jintroduċi miżuri ulterjuri li jikkonċernaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu,

Or. de

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 7
Premessa A, it-tieni inċiż

- - l-UE ħerqana li tevalwa l-kisbiet***, il-limiti*** u l-prospettivi tal-politika ta' l-*Unjoni Ewropea* kontra t-terroriżmu ***(tħassir)*** wara l-***attakki*** tal-11 ta' Settembru 2001***, tal-11 ta' Marzu 2004 u tas-7 ta' Lulju 2005*** fi żmien meta t-theddida terroristika ħadet dimensjoni dinjija u għalhekk tirrikjedi reazzjoni fl-istess livell,

Or. en

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 8
Premessa A, it-tieni inċiż

- - l-UE ***hija deċiża*** li tevalwa l-kisbiet u l-prospettivi tal-politika ta' l-UE kontra t-terroriżmu sitt snin wara l-ġrajjiet traġiċi tal-11 ta' Settembru 2001 fi żmien meta t-theddida terroristika ħadet dimensjoni dinjija u għalhekk tirrikjedi reazzjoni fl-istess livell,

Or. it

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 9
Premessa A, it-tielet inċiż a (ġdid)

- ***kwalunkwe limitazzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu trid tkun limitata fiż-żmien u fil-kamp ta' applikazzjoni, tkun skond il-liġi, suġġetta għal skrutinju demokratiku u ġudizzjarju sħiħ, u tkun meħtieġa u pproporzjonata f'soċjetà demokratika,***

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 10
Premessa A, ir-raba' inċiż

- ***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Mario Borghezio

Emenda 11
Premessa A b (ġdida)

Ab. wara li kkunsidra l-kampanja ta' reklutaġġ u ta' propoganda tar-radikaliżmu Islamiku fl-Unjoni Ewropea,

Or. it

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 12
Premessa A, it-tielet inċiż

- - l-Unjoni Ewropea hija impenjata fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, kemm jekk l-oriġini jew l-attivitajiet tiegħu jseħħu fit-territorju tagħha

jew lil hinn mill-fruntieri tagħha, filwaqt li taġixxi fil-limiti stipulati mill-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, ***u partikularment fil-ġlieda kontra t-terrur m'għandu jkun hemm ebda lok fejn id-drittijiet fundamentali ma jiġux imħarsa,***

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 13
Premessa A, ir-raba' inċiż

- ***imħassar***

Or. de

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 14
Premessa A, ir-raba' inċiż

- ***imħassar***

Or. de

Emenda mressqa minn Mario Borghezio

Emenda 15
Premessa A, ir-raba' inċiż

- - fil-każ li l-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali jkunu obbligati f'ċirkusatnzi eċċezzjonali li jillimitaw it-tħaddim ta' xi drittijiet fundamentali għal perjodu limitat ta' żmien, id-deċiżjoni biex dan iseħħ għandha tittieħed skond il-liġi bi skrutinju demokratiku sħiħ u fil-limiti l-iktar stretti permissibbli f'soċjetà demokratika, ***(tħassir)***,

Or. it

Emenda mressqa minn Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Emenda 16
Premessa A, ir-raba' inċiż

- - fil-każ li l-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali jkunu obbligati f'ċirkusatnzi eċċezzjonali li jillimitaw it-tħaddim ta' xi drittijiet fundamentali għal perjodu limitat ta' żmien, id-deċiżjoni biex dan iseħħ għandha tittieħed skond il-liġi bi skrutinju demokratiku sħiħ u fil-limiti l-iktar stretti permissibbli f'soċjetà demokratika, ***(tħassir)***,

Or. es

Emenda mressqa minn Alexander Alvaro

Emenda 17
Premessa A, ir-raba' inċiż

- - fil-każ li l-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali jkunu obbligati f'ċirkusatnzi eċċezzjonali li jillimitaw it-tħaddim ta' xi drittijiet fundamentali għal perjodu limitat ta' żmien, id-deċiżjoni biex dan iseħħ għandha tittieħed skond il-liġi bi skrutinju demokratiku sħiħ u fil-limiti l-iktar stretti permissibbli f'soċjetà demokratika***, u għal żmien limitat li jkun iddefinit b'mod ċar b'data ta' skadenza,*** filwaqt li tkun eskluża kwalunkwe forma ta' soċjetà ta' sorveljanza jew kwalunkwe trasferiment għal livell Ewropew ta' deċiżjonijiet li jkunu inaċċettabbli għaċ-ċittadini f'livell nazzjonali,

Or. de

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 18
Premessa A, ir-raba' inċiż

- - fil-każ li l-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali jkunu obbligati f'ċirkusatnzi eċċezzjonali li jillimitaw it-tħaddim ta' xi drittijiet fundamentali għal perjodu limitat ta' żmien, id-deċiżjoni biex dan iseħħ għandha tittieħed skond il-liġi bi skrutinju demokratiku sħiħ u fil-limiti l-iktar stretti permissibbli f'soċjetà demokratika, ***(tħassir)***,

Or. en

Emenda mressqa minn Mihael Brejc

Emenda 19
Premessa A, il-ħames inċiż (ġdid)

- ***filwaqt li t-terroriżmu ma jistax jinqered, nistgħu madankollu nnaqqsu t-theddida tat-terroriżmu billi naffrontaw il-kawżi tiegħu,***

Or. sl

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 20
Premessa B

B. ***imħassra***

Or. en

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 21
Premessa B a (ġdida)

Ba. jiddispjaċih li l-Istituzzjonijiet Ewropej irrispondew għall-pressjonijiet eċċezzjonali li rriżultaw mill-attakki terroristiċi billi adottaw atti legali li ma ġewx diskussi bir-reqqa mal-Parlament Ewropew u mal-parlamenti nazzjonali u li kienu bi ksur tad-dritt għal proċess ġuridiku ġust, għall-ħarsien tad-dejta jew għall-aċċess għal dokumenti ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej li jikkonċernaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li bħala konsegwenza ġew ġustament annullati mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 22
Premessa B

B. ***Jinsab ferm imħasseb dwar it-tnaqqir tal-libertajiet ċivili, tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-istat tad-dritt, f'isem is-sigurtà***; filwaqt li jidduspjaċih li, bħala reazzjoni għall-pressjonijiet eċċezzjonali bħala konsegwenza ta' attakki terroristiċi, l-Istituzzjonijiet Ewropej adottaw atti li ġew irrevokati mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-vjolazzjoni tad-drittijiet għal proċess ġust, tal-protezzjoni tad-dejta jew ta' l-aċċess għal dokumenti ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej marbuta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu,

Or. en

Emenda mressqa minn Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Emenda 23
Premessa B

B. ***billi***, bħala reazzjoni għall-pressjonijiet eċċezzjonali bħala konsegwenza ta' attakki terroristiċi, ***il-Kunsill adotta għadd ta'*** atti li ***sussegwentement*** ġew irrevokati mill-Qorti tal-Ġustizzja ***minħabba li kienu bi ksur tad-drittijiet bażiċi għal proċess xieraq***

u tad-dritt tal-protezzjoni tad-dejta jew ta' l-aċċess għal dokumenti ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej marbuta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu,

Or. es

Emenda mressqa minn Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Emenda 24
Premessa B a (ġdida)

Ba. wara li kkunsidra partikularment il-vittmi tat-terroriżmu u l-esperjenzi ta' qsim il-qalb tagħhom u l-ħtieġa li tingħata prijorità li jitħarsu d-drittijiet tagħhom u lill-miżuri li jfittxu li jtuhom ħarsien u rikonoxximent, filwaqt li dejjem jitqies li meta l-vittmi jitkellmu u s-soċjetà ttihom ċans u tismagħhom, it-terroristi jiddgħajfu,

Or. es

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 25
Premessa B

B. filwaqt li jidduspjaċih li, bħala reazzjoni għall-pressjonijiet eċċezzjonali bħala konsegwenza ta' attakki terroristiċi, l-Istituzzjonijiet Ewropej adottaw atti li ġew irrevokati mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-vjolazzjoni tad-drittijiet għal proċess ġust, tal-protezzjoni tad-dejta jew ta' l-aċċess għal dokumenti ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej marbuta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, ***u jiddispjaċih ukoll li, b'risposta għall-ġrajjiet tal-11 ta' Settembru, numru ta' Stati Membri ffaċilitaw il-konsenja straordinarja lejn pajjiżi terzi li jwettqu tortura u wħud saħansitra ħallew li jitwettqu interrogazzjonijiet bl-użu tat-tortura fit-territorju tagħhom,***

Or. en

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 26
Premessa B

B. filwaqt li jidduspjaċih li, bħala reazzjoni għall-pressjonijiet eċċezzjonali bħala konsegwenza ta' attakki terroristiċi, l-Istituzzjonijiet Ewropej adottaw atti li ġew irrevokati mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-vjolazzjoni tad-drittijiet għal proċess ġust, tal-protezzjoni tad-dejta jew ta' l-aċċess għal dokumenti ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej marbuta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, ***u jqis li l-ġlieda kontra t-terroriżmu m'għandhiex twassal għall-istigmatizzazzjoni ta' gruppi partikulari fis-soċjetà tagħna,***

Or. en

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 27
Premessa C

C. ***Imħasseb dwar il-konsegwenzi kbar ta' l-użu ta' bażijiet ta' dejta ta' daqs kbir dwar l-immigrazzjoni u l-ażil fuq livell ta' l-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u b'mod partikulari dwar l-għoti ta' aċċess għall-bażi ta' dejta Eurodac lill-awtoritajiet tal-pulizija u ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri kif ukoll lill-Europol matul il-ħidmiet tagħhom li jikkonċernaw il-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra, kif mitlub fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni ta' Ġunju 2007.***

Or. en

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 28
Premessa C

C. filwaqt li għalhekk huwa konxju li l-ġlieda kontra t-terroriżmu hija kwistjoni kumplessa ħafna u tirrikjedi aktar minn qatt qabel strateġija b'ħafna livelli ***u fuq ħafna dixxiplini*** kif previst f'livell internazzjonali

Or. it

Emenda mressqa minn Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Emenda 29
Premessa C, it-tielet inċiż

- u mill-Kunsill Ewropew meta adotta Strateġija Kontra t-Terroriżmu[1] f'Diċembru 2005 ***(thassir)***,

Or. es

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 30
Premessa C, it-tieni inċiż a (ġdid)

- ***il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni, fis-6 ta' Novembru 2007, tal-pakkett kontra t-terroriżmu***

Or. en

Emenda mressqa minn Alexander Alvaro

Emenda 31
Premessa D

D. filwaqt li jqis li kull wieħed mill-aspetti ta' l-istrateġija Ewropea - il-prevenzjoni, il-protezzjoni, it-tfittxija, ir-reazzjoni - jeħtieġ l-involviment sħiħ tal-*Parlament Ewropew u l-parlamenti* nazzjonali, li għandhom jingħataw informazzjoni kompleta u regolarment ***permezz ta' evalwazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni kull sentejn*** u jridu jkunu jistgħu jivverifikaw l-impatt reali tal-miżuri li ttieħdu, jekk kinux implimentati l-objettivi inizjali u l-ispiża reali ta' l-inizjattivi,

Or. de

Emenda mressqa minn Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 32
Premessa D

D. filwaqt li jqis li kull wieħed mill-aspetti ta' l-istrateġija Ewropea - il-prevenzjoni, il-protezzjoni, it-tfittxija, ir-reazzjoni - jeħtieġ l-involviment sħiħ tal-*Parlament Ewropew* u *tal-parlamenti* nazzjonali, li għandhom jingħataw informazzjoni kompleta u regolarment u jridu jkunu jistgħu jivverifikaw l-***effettività*** reali tal-miżuri li ttieħdu, ***inkluż l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali.***

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 33
Premessa E

E. filwaqt li jiddispjaċih li, kif deher biċ-ċar mid-dibattitu ta' l-2007, hemm nuqqas sostanzjali ta' ***(tħassir) trasparenza, skrutinju demokratiku, responsabilità u eżami ġudizzjarju*** u filwaqt li jinnota li l-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji Ewropej bħall-Europol u l-Eurojust għadhom qed jibdew jiġbru l-informazzjoni meħtieġa għall-attivitajiet tagħhom b'mod iktar strutturat,

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 34
Premessa E

E. filwaqt li jiddispjaċih li ***(tħassir)*** hemm nuqqas sostanzjali ta' dan it-tip ta' informazzjoni u filwaqt li jinnota li l-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji Ewropej bħall-

Europol u l-Eurojust għadhom qed jibdew jiġbru l-informazzjoni meħtieġa għall-attivitajiet tagħhom b'mod iktar strutturat,

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 35
Premessa E a (ġdida)

Ea. filwaqt li huwa ferm imħasseb dwar it-tendenza li jinħolqu setgħat ġodda, bla limitu u bla kontroll, għall-gvernijiet, mingħajr is-salvagwardji legali meħtieġa għaċ-ċittadini kontra l-abbużi u l-iżbalji,

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 36
Premessa E b (ġdida)

Eb. Ixxukkjat dwar ir-rifjut tal-Gvernijiet Ewropej u tal-Kunsill li jwieġbu għall-allegazzjonijiet ta' abbuż ta' setgħat bl-iskuża tal-kontro-terroriżmu, b'mod partikulari fil-każ tal-konsenji straordinarji u l-ħabsijiet sigrieti mis-CIA,

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 37
Premessa E c (ġdida)

Ec. filwaqt li huwa ta' l-opinjoni li l-koperazzjoni transkonfinali dwar is-servizzi sigrieti u ta' sigurtà għandha tkun suġġetta għal skrutinju aktar bir-reqqa u sistematiku,

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 38
Premessa E d (ġdida)

Ed. filwaqt li huwa ferm imħasseb dwar it-tgħawwiġ fil-funzjonijiet ta' ħafna miżuri introdotti taħt il-kappa tal-kontro-terroriżmu, li madankollu, fil-prattika jintużaw għal għadd wiesa' ta' għanijiet,

Or. en

Emenda mressqa minn Ioannis Varvitsiotis

Emenda 39
Premessa E a (ġdida)

Ea. jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tat-Trattat ta' Riforma l-ġdid u jistieden lill-Istati Membri kollha biex jirratifikawh sabiex il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li teħtieġ li tikkumplimenta l-istrateġija Ewropea għall-ġlieda kontra t-terroriżmu,issir torbot,

Or. el

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 40
Premessa F

F. filwaqt li jfakkar li r-riforma tat-Trattati se tippermetti li fis-sentejn li ġejjin jitfassal b'mod iktar ċar, iktar simplifikat u affidabbli l-irwol ta' l-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra t-terroristi, se ssaħħaħ is-solidarjetà ta' l-Istati Membri u tgħaqqad il-Parlamenti Ewropej u nazzjonali fl-evalwazzjoni tal-politiki marbuta ma' l-FSJA,

filwaqt li jiddispjaċih li għal dawn il-politiki mhux se jkun hemm kontroll judizzjarju sħiħ f'livell Ewropew ***(tħassir)*** għal perjodu ta' ħames snin ***għal-leġiżlazzjoni adottata qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Riforma,***

Or. de

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 41
Premessa F

F. filwaqt li jfakkar li r-riforma tat-Trattati ***għandha*** tippermetti li ***(tħassir)*** jitfassal b'mod iktar ***trasparenti***, iktar simplifikat u affidabbli l-irwol ta' l-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra t-***terroriżmu***, ***għandha*** ssaħħaħ is-solidarjetà ta' l-Istati Membri u tgħaqqad il-*Parlament Ewropew u l-parlamenti* nazzjonali fl-evalwazzjoni tal-politiki marbuta ma' l-FSJA, filwaqt li jiddispjaċih li għal dawn il-politiki mhux se jkun hemm kontroll judizzjarju sħiħ f'livell Ewropew ***(tħassir)*** għal perjodu ta' ħames snin,

Or. en

Emenda mressqa minn Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Emenda 42
Premessa F

F. filwaqt li jfakkar li r-riforma tat-Trattati se tippermetti li fis-sentejn li ġejjin jitfassal b'mod iktar ċar, iktar simplifikat u affidabbli l-irwol ta' l-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra t-terroristi, se ssaħħaħ is-solidarjetà ta' l-Istati Membri u tgħaqqad il-*Parlament Ewropew u l-parlamenti* nazzjonali fl-evalwazzjoni tal-politiki marbuta ma' l-FSJA[2], filwaqt li jiddispjaċih li għal dawn il-politiki mhux se jkun hemm kontroll judizzjarju sħiħ f'livell Ewropew ***(tħassir)***,

Or. es

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 43
Premessa F

F. filwaqt li jfakkar li r-riforma tat-Trattati se tippermetti li fis-sentejn li ġejjin jitfassal b'mod iktar ċar, iktar simplifikat u affidabbli l-irwol ta' l-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra t-terroristi, se ssaħħaħ is-solidarjetà ta' l-Istati Membri u tgħaqqad il-*Parlament Ewropew u l-parlamenti* nazzjonali fl-evalwazzjoni tal-politiki marbuta ma' l-FSJA[3], filwaqt li jiddispjaċih li għal dawn il-politiki mhux se jkun hemm kontroll judizzjarju sħiħ f'livell Ewropew ***(tħassir)***,

Or. en

Emenda mressqa minn Mihael Brejc

Emenda 44
Premessa F a (ġdida)

Fa. filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li, fl-istrateġija Ewropea ta' kontra t-terroriżmu, tingħata ħafna aktar attenzjoni għall-kawżi tat-terroriżmu u għall-irwol ta' l-UE f'dan ir-rigward,

Or. sl

Emenda mressqa minn Alexander Alvaro

Emenda 45
Paragrafu 1 a (ġdid)

1a. Barra minn hekk jemmen li element importanti sabiex jipprevjeni t-terroriżmu hija politika, ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Istati Membri, ta' għajnuna għall-iżvilupp li sservi wkoll bħala politika ta' sigurtà; il-promozzjoni tas-soċjetà ċivili u l-għoti ta' għajnuna sabiex jintlaħqu l-paċi u l-prosperità soċjali huma mezzi xierqa sabiex il-poplu jiġi muri l-opportunitajiet u sabiex titrażżan il-firxa ta' ideoloġiji fundamentalisti; għalhekk huwa meħtieġ li l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni, tas-saħħa u ta' sistemi tas-sigurtà soċjali f'pajjiżi li fihom spiss huma meqjusa li joriġinaw l-

attivitajiet terroristiċi jsir prijorità ħafna akbar minn qabel fil-politika ta' għajnuna għall-iżvilupp;

Or. de

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 46
Paragrafu 1

1. Iqis li biex ikun evitat li jkun hemm min jirrikorri għat-terroriżmu għandhom jiġu *indirizzati* l-fatturi jew ir-raġunijiet ewlenin ***(tħassir) tar***-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, ***(tħassir) u l-promozzjoni tad-demokrazija u tad-Drittijiet tal-Bniedem bħala l-valuri universali li fuqhom hija msejsa s-soċjetà tagħna,*** filwaqt li *tkun evitata* l-esklużjoni politika u *jkun miġġieled il-*proċess ta' radikalizzazzjoni; huwa tal-fehma li, f'dan ir-rigward, l-Istituzzjonijiet Ewropej għandhom jiffavorixxu l-*aħjar* prattiki u jiffavorixxu t-tixrid tagħhom fl-UE, u jinnota li l-Parlament Ewropew dalwaqt se jagħmel rakkomandazzjonijiet f'dan il-qasam filwaqt li jitqiesu l-kontributi tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

Or. en

Emenda mressqa minn Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Emenda 47
Paragrafu 1

1. Iqis li biex ikun evitat li jkun hemm min jirrikorri għat-terroriżmu għandhom jiġu ttrattati l-fatturi jew ir-raġunijiet ewlenin li jistgħu jwasslu għar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, u li dan huwa primarjament ix-xogħol tal-komunitajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, li għandhom jiffavorixxu l-integrazzjoni tan-nies permezz tad-djalogu interkulturali, filwaqt li jevitaw l-esklużjoni politika u jiġġieldu kontra l-proċess ta' radikalizzazzjoni; ***iqis ukoll meħtieġ li titrażżan l-imġiba li aktarx tħajjar ir-radikalizzazzjoni vjolenti;*** huwa tal-fehma li, f'dan ir-rigward, l-Istituzzjonijiet Ewropej għandhom jiffavorixxu l-*aħjar* prattiki u jiffavorixxu t-tixrid tagħhom fl-UE, u jinnota li l-Parlament Ewropew dalwaqt se jagħmel rakkomandazzjonijiet f'dan il-qasam filwaqt li jitqiesu l-kontributi tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

Or. es

Emenda mressqa minn Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Emenda 48
Paragrafu 1

1. Iqis li biex ikun evitat li jkun hemm min jirrikorri għat-terroriżmu għandhom jiġu ttrattati l-fatturi ***(tħassir)*** li jistgħu jwasslu għar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, u li dan huwa primarjament ix-xogħol tal-komunitajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, li għandhom jiffavorixxu l-integrazzjoni tan-nies permezz tad-djalogu interkulturali, filwaqt li jevitaw l-esklużjoni politika u jiġġieldu kontra l-proċess ta' radikalizzazzjoni; ***iqis ukoll meħtieġ li titrażżan l-imġiba li aktarx tħajjar ir-radikalizzazzjoni vjolenti;*** huwa tal-fehma li, f'dan ir-rigward, l-Istituzzjonijiet Ewropej għandhom jiffavorixxu l-*aħjar* prattiki u jiffavorixxu t-tixrid tagħhom fl-UE, u jinnota li l-Parlament Ewropew dalwaqt se jagħmel rakkomandazzjonijiet f'dan il-qasam filwaqt li jitqiesu l-kontributi tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

Or. es

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 49
Paragrafu 1

1. Iqis li ***l-UE għandha tappoġġja azzjonijiet fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali mmirati sabiex jevitaw ir-radikalizzazzjoni, billi tinkuraġġixxi*** l-integrazzjoni tan-nies permezz tad-djalogu interkulturali ***u billi tevita*** l-esklużjoni politika ***(tħassir)***;

Or. en

Emenda mressqa minn Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Emenda 50
Paragrafu 1 a (ġdid)

1a. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pakkett leġiżlattiv dwar it-terroriżmu ppreżentat mill-Kummissjoni fis-6 ta' Novembru 2007, l-aktar l-emenda li ġiet irrakkomandata għad-Deċiżjoni ta' Qafas 2002/475/JAI;

Or. es

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 51
Paragrafu 1 a (ġdid)

1a. F'dan ir-rigward, iqis li l-Unjoni Ewropea għandha tiffavorixxi l-aħjar prattiki u t-tixrid tagħhom fl-UE, u jinnota li l-Parlament Ewropew dalwaqt se jagħmel rakkomandazzjonijiet f'dan il-qasam filwaqt li jitqiesu l-kontributi tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

Or. en

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 52
Paragrafu 1 a (ġdid)

1a. Jemmen li każijiet bħaċ-ċaħda riċenti tal-Qorti Suprema ta' l-Istati Uniti li titratta l-ilment ta' Khalid Al-Masri għandhom it-tendenza li jsaħħu l-impressjoni, l-aktar ta' minoranzi Musulmani fl-Ewropa, li l-miżuri kontra t-terroriżmu jniedu standards doppji; għalhekk jistieden lill-Unjoni Ewropea sabiex tinvolvi ruħha b'aktar saħħa fil-ġlieda sabiex jinżamm l-istat tad-dritt fi ħdan u fil-kuntest internazzjonali, l-aktar billi tiddefendi liċ-ċittadini tagħha stess fil-prosekuzzjonijiet legali f'pajjiżi terzi u li l-parti l-kbira minnhom huma ta' dixxendenza Musulmana;

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 53
Paragrafu 1 b (ġdid)

1b. Iqis li l-prevenzjoni tat-terroriżmu titlob politika barranija ta' l-UE li tippromwovi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem kemm fil-pajjiżi ġirien kif ukoll dawk imbiegħda;

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 54
Paragrafu 1 c (ġdid)

1c. Itenni l-importanza tal-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fil-livell ta' l-UE, l-aktar fejn jidħol l-iskambju ta' informazzjoni u ta' analiżi, u jistieden lill-Istati Membri sabiex isaħħu l-koperazzjoni ta' bejniethom bil-koordinazzjoni u s-sostenn tal-Europol;

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 55
Paragrafu 1 d (ġdid)

1d. Iqis li sabiex inżidu l-effettività tagħna fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-

Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iwaqqfu netwerk permanenti ta' skambju ta' informazzjoni bejn iċ-ċentri Ewropej ta' kontra t-terroriżmu;

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 56
Paragrafu 1 e (ġdid)

1e. Itenni l-importanza li jkun hemm skambju ta' informazzjoni miksuba mis-servizzi sigrieti, kemm fil-livell ta' l-UE u fost is-servizzi ta' l-Istati Membri, u jtenni l-ħtieġa ta' regoli uniformi fil-livell ta' l-UE li jiżguraw li jkun hemm il-kontroll u l-iskrutinju demokratiku u parlamentari meħtieġ;

Or. en

Emenda mressqa minn Alexander Alvaro, Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 57
Paragrafu 2

2. ***imħassar***

Or. de

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 58
Paragrafu -2 a (ġdid)

-2a. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-prevenzjoni tat-

terroriżmu u fil-ġlieda kontrih, u jenfasizza li l-Istati Uniti huma sħab ferm meħtieġa f'dan il-qasam; iqis li qafas legali komuni għall-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, speċjalment ta' dejta personali, għandu jiġi ddefinit bejn l-UE u l-Istati Uniti, permezz ta' ftehim internazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm skrutinju demokratiku u parlamentari xieraq fuq livell nazzjonali u ta' l-UE;

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 59
Paragrafu 2 (a) l-ewwel inċiż

- - sistema ta' twissija ta' kriżi u li tinduna li ġejja kriżi***, ibbażata wkoll fuq skemi nazzjonali ta' protezzjoni***, li taħdem sebat ijiem fil-ġimgħa u 24 siegħa kuljum għall-katastrofi kkważati min-natura jew mill-attività tal-bniedem,

Or. en

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 60
Paragrafu 2 (a), it-tieni inċiż

- ***pjanta*** ta' infrastrutturi u netwerks kritiċi ***u strateġiċi***,

Or. it

Emenda mressqa minn Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Emenda 61
Paragrafu 2 (b)

(b) ***iġġib il-bażijiet ta' dejta SIS II u VIS f'qagħda li tkun tista' titħaddem b'mod sħiħ, inklużi d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess ta' awtoritajiet ta' l-infurzar tal-***

liġi; ifakkar li dawn il-bażijiet ta' dejta m'għandhom l-ebda skop primarju ta' infurzar tal-liġi u li għaldaqstant l-aċċess għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi huwa limitat għal każijiet speċifiċi, meta dan ikun meħtieġ u proporzjonali f'soċjetà demokratika; iqis li ***l-ġbir bil-massa ta' dejta personali u t-trattament tad-dejta sabiex jinħolqu profili permezz ta'*** tekniki ta' għażla ta' informazzjoni mid-dejta (data-mining), ***kif previst fil-proposta riċenti għal direttiva dwar sistema Ewropea tal-PNR, mhumiex permessi*** f'livell Ewropew ***(tħassir)***;

Or. es

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 62
Paragrafu 2 (b)

(b) ***iġġib il-bażijiet ta' dejta SIS II u VIS f'qagħda li tkun tista' titħaddem b'mod sħiħ, inkluži d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess ta' awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi; ifakkar li dawn il-bażijiet ta' dejta m'għandhom l-ebda skop primarju ta' infurzar tal-liġi u li għaldaqstant l-aċċess għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi huwa limitat għal każijiet speċifiċi, meta dan ikun meħtieġ u proporzjonali f'soċjetà demokratika;*** iqis li ***l-ġbir bil-massa ta' dejta personali u t-trattament tad-dejta sabiex jinħolqu profili permezz ta'*** tekniki ta' għażla ta' informazzjoni mid-dejta (data-mining), ***kif previst fil-proposta riċenti għal direttiva dwar sistema Ewropea tal-PNR, mhumiex permessi*** f'livell Ewropew ***(tħassir)***;

Or. en

Emenda mressqa minn Stavros Lambrinidis

Emenda 63
Paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Jenfasizza li kull monitoraġġ ta' l-internet sabiex ma jħallix li jsiru attakki terroristiċi m'għandu bl-ebda mod jinkludi restirzzjonijiet tal-libertà tal-kelma li ma tkunx maħsuba sabiex tħajjar atti terroristiċi u li b'mod raġonevoli minnha nnifisha ma tistax twassal għal azzjonijiet bħal dawn;

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 64
Paragrafu 2

2. Iqis li sabiex "iċ-*ċittadini**, id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija,*** u l-infrastruttura jkunu *mħarsa* u sabiex titnaqqas il-vulnerabilità ta' l-UE għall-attakki, *kif ukoll* permezz ta' titjib *fis*-sigurtà tal-fruntieri, tat-trasport u ta' l-infrastruttura kritika" huwa essenzjali li l-UE

Or. en

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 65
Paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Ifakkar li l-għan primarju ta' l-Eurodac bħala bażi ta' dejta ta' l-ewwel pilastru huwa li tiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament Dublin II biex tistabbilixxi liema Stat Membru jkun responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni ta' ażil, u li kwalunkwe proposta sabiex din tinbidel f'miżura ta' sigurtà u f'għodda ta' investigazzjoni kriminali aktarx ma tkunx legali skond il-liġi internazzjonali u ta' l-UE

Or. en

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 66
Paragrafu 2 (a), it-tielet inċiż

- ***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Mihael Brejc

Emenda 67
Paragrafu 2 (a), it-tielet inċiż a (ġdid)

- ***skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri skond il-prinċipju tad-disponibilità,***

Or. sl

Emenda mressqa minn Mario Borghezio

Emenda 68
Paragrafu 2 (b)

(b) tiżviluppa l-proġetti Schengen II/VIS filwaqt li titnaqqas kemm jista' jkun l-interferenza mal-moviment u l-imġiba taċ-ċittadini ordinarji; ***(tħassir)***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 69
Paragrafu 2 (a), it-tieni inċiż

- pjan ta' infrastrutturi u netwerks kritiċi, ***filwaqt li titqies id-Direttiva futura ta' l-UE dwar l-identifikazzjoni u n-nomina ta' Infrastruttura Kritika Ewropea u l-evalwazzjoni tal-ħtieġa li jittejjeb il-ħarsien tagħhom,***

Or. en

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 70
Paragrafu 2 b (ġdid)

2b. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-aċċess ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi u tal-Europol għall-bażi ta' dejta Eurodac tista' twassal għall-istigmatizzazzjoni ta' persuni li jitolbu ażil, kif ukoll għal diskriminazzjoni kontrihom u possibilment periklu għalihom, filwaqt li jżomm f'moħħu r-'Rasterfahndungsurteil' ta' l-2006 tal-

Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża li kkonkludiet li l-prattika tal-'profiling' ta' dejta mill-Pulizija Ġermaniża kienet tmur kontra l-Kostituzzjoni minħabba, fost l-oħrajn, ir-riskju ta' stigmatizzazzjoni;

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 71
Paragrafu 2 (b)

(b) tiżviluppa l-proġetti Schengen II/VIS filwaqt li titnaqqas kemm jista' jkun l-interferenza mal-moviment u l-imġiba taċ-ċittadini ordinarji ***(tħassir)***;

Or. en

Emenda mressqa minn Alexander Alvaro

Emenda 72
Paragrafu 2 (c) (ġdid)

(c) tikkoordina aħjar, bis-saħħa ta' l-Istati Membri, ix-xogħol tas-servizzi sigrieti tagħha sabiex tiżgura li l-ostakli li hemm bħalissa għall-iskambju ta' informazzjoni, bħalma huwa n-nuqqas ta' fiduċja, jitneħħew malajr, billi 'gżejjer individwali ta' tagħrif' u l-issiġillar ta' informazzjoni mis-servizzi sigrieti nazzjonali jmorru kontra l-istrateġija Komunitarja biex tiġġieled it-terroriżmu;

Or. de

Emenda mressqa minn Mihael Brejc

Emenda 73
Paragrafu 2 (c) (ġdid)

(c) tirrazzjonalizza u ttejjeb iċ-ċarezza, it-trasparenza u l-applikabilità tal-leġiżlazzjoni tagħha ta' kontra t-terroriżmu,

Or. sl

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 74
Paragrafu 2 c (ġdid)

2c. iqis li l-ebda forma ta' 'profiling' fil-miżuri ta' kontra t-terroriżmu m'hija aċċettabbli. Iqis li mhux aċċettabbli li ssir ħidma sabiex ikun hemm sistema tal-PNR ta' l-UE mingħajr ma jkun hemm evalwazzjoni kompleta tal-ftehimiet dwar il-PNR bejn l-UE u l-Istati Uniti u bejn l-UE u l-Kanada, l-aktar ta' l-impatt tagħhom sabiex inaqqsu t-theddida u jżidu s-sigurtà, kif ukoll ta' l-impatt fuq il-privatezza u l-libertajiet ċivili;

Or. en

Emenda mressqa minn Sarah Ludford

Emenda 75
Paragrafu 2 c (ġdid)

2c. Juri tħassib dwar il-fatt li l-aċċess ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi u tal-Europol għall-bażi ta' dejta Eurodac tista' ddgħajjef l-effiċjenza tal-għan ewlieni tal-bażi ta' dejta Eurodac;

Or. en

Emenda mressqa minn Mihael Brejc

Emenda 76
Paragrafu 2 (d) (ġdid)

(d) tistabbilixxi entità jew istituzzjoni fil-livell ta' l-UE sabiex tieħu ħsieb b'mod komprensiv il-ġlieda kontra t-terroriżmu;

Or. sl

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 77
Paragrafu 3

3. ***Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex ma jaħsbuhiex darbtejn u jsaħħu l-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fil-livell ta' l-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; jitlob sabiex jiġi mgħarraf mingħajr dewmien dwar l-effikaċja tal***-koperazzjoni ***attwali*** u ***dwar*** x'riżultati ħarġu mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni reċiproka bejn l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropej;

Or. en

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 78
Paragrafu 3

Ma taffettwax il-verżjoni bil-Malti.

Or. it

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 79
Paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ l-irwol ta' koordinazzjoni u ta' ħidma tal-Eurojust u tal-Europol, li huma għodod ferm importanti għall-koperazzjoni reali u effettiva fit-tiftix u fil-prosekuzzjoni f'livell ta' l-UE; fl-istess waqt jerġa jafferma l-ħtieġa li jkun żgurat li jkun hemm kontroll demokratiku sħiħ fil-livell ta' l-UE;

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 80
Paragrafu 3 b (ġdid)

3b. Itenni b'mod deċiż il-ħtieġa urġenti li tkun adottata deċiżjoni ta' qafas dwar il-ħarsien tad-dejta fit-tielet pilastru li tiżgura livell għoli ta' garanziji għaċ-ċittadini ta' l-UE, li bħalissa huwa nieqes fil-livell ta' l-UE;

Or. en

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 81
Paragrafu 4, l-ewwel inċiż a (ġdid)

- ***lill-Kummissjoni sabiex tgħarraf lill-Parlament dwar jekk l-atti kollha kontra t-terroriżmu adottati ġewx implimentati mill-Istati Membri, u jekk dan ma jkunx il-każ, sabiex tgħarraf lill-Parlament dwar liema pajjiżi jinsabu lura, u għal liema raġuni;***

Or. en

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 82
Paragrafu 4, l-ewwel inċiż b (ġdid)

- ***lill-Kummissjoni sabiex twettaq evalwazzjoni ġenerali tal-konsegwenzi tal-leġiżlazzjoni ta' kontra t-terroriżmu, billi tkejjel l-effikaċja ta' din il-leġiżlazzjoni, u billi tinvestiga l-effetti pożittivi u negattivi ta' dawn il-liġijiet, kemm mil-lat ta' sigurtà kif ukoll mil-lat tad-drittijiet taċ-ċittadini;***

Or. en

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 83
Paragrafu 4, l-ewwel inċiż c (ġdid)

- ***lill-Kummissjoni sabiex tgħarraf lill-Parlament dwar jekk il-liġijiet kollha li huma***

bi ksur tad-drittijiet taċ-ċittadini jagħtux il-possibilità liċ-ċittadini li jikkoreġu d-dejta dwarhom, li jikkontesta l-fatti u li jilmentaw dwar il-proporzjonalità tal-miżuri;

Or. en

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 84
Paragrafu 4, l-ewwel inċiz

- lill-Kummissjoni biex qabel ma tintemm is-sena, tgħaddi lill-Parlament Ewropew it-tweġibiet li ngħataw għall-kwestjonarji tagħha dwar l-implimentazzjoni f'livell nazzjonali tal-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet fundamentali***, flimkien ma' evalwazzjoni u kwalunkwe proposti dwar kif jista' jiġi żgurat li jkun hemm traspożizzjoni u użu aħjar tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu***;

Or. de

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 85
Paragrafu 4, l-ewwel inċiz

- lill-Kummissjoni biex qabel ma tintemm is-sena, tgħaddi lill-Parlament Ewropew it-tweġibiet li ngħataw għall-kwestjonarji tagħha dwar l-implimentazzjoni f'livell nazzjonali tal-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu***, b'mod partikulari fir-rigward tad-deċiżjoni ta' qafas dwar it-Teroriżmu u dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, u d-direttiva dwar iż-żamma ta' dejta,*** u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet fundamentali;

Or. en

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 86
Paragrafu 4, l-ewwel inċiz

- lill-Kummissjoni biex qabel ma tintemm is-sena, tgħaddi lill-Parlament Ewropew it-tweġibiet li ngħataw għall-kwestjonarji tagħha dwar l-implimentazzjoni f'livell nazzjonali tal-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet

fundamentali ***u dwar kwalunkwe differenzi fl-implimentazzjoni fl-Istati Membri***;

Or. it

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 87
Paragrafu 4, it-tieni inċiz

Ma taffettwax il-verżjoni bil-Malti.

Or. it

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 88
Paragrafu 4, it-tieni inċiż a (ġdid)

- ***lill-Kunsill sabiex jieħu azzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijet tal-PE li jikkonċernaw il-programm ta' konsenja tas-CIA;***

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 89
Paragrafu 4, it-tieni inċiż b (ġdid)

- ***lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex iwettqu rapport ġenerali, li ġie mitlub għadd ta' drabi mill-Parlament Ewropew, tal-kumpaniji li qed jiġu mġiegħla minn pajjiżi terzi (l-aktar l-Istati Uniti) li jissottomettu d-dejta tagħhom dwar il-klijenti lill-awtoritajiet;***

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 90
Paragrafu 5

5. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jikkoperaw għat-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' feedback reali dwar l-***effettività*** ta' miżuri Ewropej u nazzjonali f'dan il-qasam, filwaqt li jitfasslu progressivament indikaturi newtrali dwar l-iżvilupp tat-theddida terroristika għall-UE (eż. statistika dwar numru ta' inkjesti u proċeduri ġudizzjarji, analiżi ta' kriżijiet reġjonali li jistgħu jseħħu, evidenza ta' koperazzjoni li rnexxiet jew li ma rnexxietx, eċċ.) sabiex il-Parlamenti Ewropej u nazzjonali jingħataw stampa iktar ċara talanqas ta' l-***effettività*** u ta' xi nuqqasijiet ta' politiki pubbliċi f'dawn l-oqsma;

Or. en

Emenda mressqa minn Alexander Alvaro

Emenda 91
Paragrafu 5 a (ġdid)

5a. Jipproponi li l-Istati Membri għandhom jikkonċentraw ir-riżorsi tagħhom fil-qasam tal-koperazzjoni bejn il-forzi tal-pulizija u, minflok jieħdu l-approċċ tekniku li s'issa ġie ppreferut, jenfasizzaw l-importanza tal-koperazzjoni bejn l-individwi u bejn l-istaff; F'dan ir-rigward, għandu jkun hemm spinta akbar biex jitħeġġu l-iskambji bejn is-servizzi nazzjonali ta' emerġenza u sabiex jiġu eliminati l-ostakoli, pereżempju, bħala prijorità, it-tneħħija ta' barrieri lingwistiċi bis-saħħa ta' korsijiet fil-lingwi; barra minn hekk il-miżuri ta' taħriġ għandhom jiġu adatti għar-realtajiet tas-soċjetà Ewropea; sabiex, pereżempju, fit-taħriġ fil-ġejjieni jkun hemm tagħlim dwar l-Islam u dwar id-drawwiet Musulmani;

Or. de

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 92
Paragrafu 5 a (ġdid)

5a. Jinnota l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' miżuri ġodda li b'mod partikulari jikkonċernaw emenda għad-deċiżjoni ta' qafas dwar it-terroriżmu u dwar proposta għal sistema tal-PNR ta' l-UE; juri r-rieda tiegħu li jeżamina dawn il-miżuri bir-reqqa u jtenni t-tħassib tiegħu dwar il-proposta għal sistema tal-PNR ta' l-UE,

speċjalment fejn tidħol il-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' l-iskema ta' 'profiling' proposta li fuqha tidher li hija bbażata;

Or. en

Emenda mressqa minn Ioannis Varvitsiotis

Emenda 93
Paragrafu 5 a (ġdid)

5a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jiżguraw li jkun hemm użu aktar effettiv tal-mekkaniżmi eżistenti għall-koperazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri, bħalma huwa l-Mandat ta' Arrest Ewropew;

Or. el

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 94
Paragrafu 5 a (ġdid)

5a. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-importanza tat-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza. Għalhekk jitlob lill-Kummissjoni sabiex il-proposti kollha li jikkonċernaw il-kontro-terroriżmu fil-ġejjieni jkunu akkumpanjati minn studju jew evalwazzjoni ta' impatt serji li juru l-ħtieġa u l-fejda tal-miżuri li jkunu se jittieħdu.

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 95
Paragrafu 5 b (ġdid)

5b. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-prevenzjoni tat-terroriżmu u fil-ġlieda kontrih, u jenfasizza li l-Istati Uniti huma sħab ferm meħtieġa f'dan il-qasam; iqis li qafas legali komuni għall-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija b'enfasi speċjali fuq il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, l-aktar tad-dejta personali, għandu jkun iddefinit bejn l-UE u l-Istati Uniti, permezz ta' ftehima internazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm skrutinju demokratiku u parlamentari xieraq fuq livell nazzjonali u ta' l-UE;

Or. en

Emenda mressqa minn Alexander Alvaro

Emenda 96
Paragrafu 5 b (ġdid)

5b. Huwa mħasseb dwar l-attitudni ta' reazzjoni spontanja fil-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu, li fiha x-xewqa li jingħata messaġġ politiku spiss tieħu preċedenza fuq il-kunsiderazzjonijiet serji u kuxjenzjuż tal-limiti ta' x'inhu possibbli u ta' fejda, li jinkludi l-kunsiderazzjoni dejjem aktar inadegwata tal-prinċipji ta' l-istat tad-dritt, bħalma huwa l-prinċipju tal-proporzjonalità u l-preżunzjoni ta' l-innoċenza; jistenna wkoll li fil-ġejjieni l-Ministri ta' l-Intern ta' l-Istati Membri joqgħodu lura milli jxerrdu biża' u paniku fost il-popolazzjoni billi jagħmlu dikjarazzjonijiet bla dehen u bla kont, eżempju li t-terroristi jista' jkollhom armi nukleari;

Or. de

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 97
Paragrafu 5

5. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jikkoperaw għat-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' feedback reali dwar l-impatt ta' miżuri Ewropej u nazzjonali f'dan il-qasam, filwaqt li jitfasslu progressivament indikaturi newtrali dwar l-iżvilupp tat-theddida terroristika għall-UE (eż. statistika dwar numru ta' inkjesti u proċeduri ġudizzjarji, analiżi ta' kriżijiet reġjonali li jistgħu jseħħu, evidenza ta' koperazzjoni li rnexxiet jew li ma rnexxietx, eċċ.) sabiex il-Parlamenti Ewropej u nazzjonali jingħataw stampa iktar ċara talanqas ta' l-impatt u ta' xi nuqqasijiet ***jew karatteristiċi pożittivi*** ta' politiki pubbliċi f'dawn l-oqsma;

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert, Alexander Alvaro, Sophia in 't Veld

Emenda 98
Paragrafu 7

7. ***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Agustín Díaz de Mera García Consuegra

Emenda 99
Paragrafu 7

7. ***imħassar***

Or. es

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 100
Paragrafu 7

7. ***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Alexander Alvaro

Emenda 101
Paragrafu 7

7. ***imħassar***

Or. de

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 102
Paragrafu 7 a (ġdid)

7a. Ifakkar l-importanza ta' l-għaqda bejn il-forzi kollha demokratiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu;

Or. en

Emenda mressqa minn Mihael Brejc

Emenda 103
Paragrafu 7 a (ġdid)

7a. Jistieden lill-Kunsill sabiex jistabbilixxi l-kariga ta' Rappreżentant Għoli għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu;

Or. sl

Emenda mressqa minn Mihael Brejc

Emenda 104
Paragrafu 7 b, l-ewwel inċiż a (ġdid)

- ***il-ħolqien ta' kundizzjonijiet għall-ġemgħa flimkien ta' l-interpretazzjonijiet differenti kollha u għall-ftuħ ta' dibattiti, fora u websajts għall-Musulmani ta' ħsieb ħieles,***

Or. sl

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 105
Paragrafu 7 a (ġdid)

7a. Iqis li l-istabbiliment ta' strumenti meħtieġa effettivi u pproporzjonati għas-sostenn tal-ġlieda globali kontra t-terroriżmu huwa fattur importanti fir-reazzjoni għall-attakki terroristiċi, u jqis li jkun daqstant importanti li jitħarsu, fl-aspetti kollha tagħhom, l-istat tad-dritt, id-drittijiet ċivili taċ-ċittadini, is-salvagwardji ġudizzjarji u legali tal-persuni ssusspettati u l-kontroll u l-iskrutinju demokratiku fuq il-leġiżlazzjoni kollha introdotta, kemm fuq livell Ewropew, u fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 106
Paragrafu 7 b (ġdid)

7b. Jinsisti li l-Kummissjoni tippreżenta proposta sabiex tiżgura li jkun hemm kontroll parlamentari fuq l-attivitajiet sigrieti konġunti u kkoordinati fuq livell ta' l-UE;

Or. en

Emenda mressqa minn Mihael Brejc

Emenda 107
Paragrafu 7 b (ġdid), intestatura

Sa fejn huma kkonċernati l-kawżi tat-terroriżmu:

Or. sl

Emenda mressqa minn Mihael Brejc

Emenda 108
Paragrafu 7 b (ġdid)

7b. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex ifasslu pjan ta' azzjoni għat-tixrid tad-demokrazija fid-dinja u għat-tishiħ tal-koperazzjoni ekonomika u politika mal-pajjiżi Islamiċi billi

Or. sl

Emenda mressqa minn Mihael Brejc

Emenda 109
Paragrafu 7 b, it-tieni inċiż a (ġdid)

- ***l-appoġġ għal movimenti demokratiċi, permezz ta' skambji ta' studenti u forom oħra ta' edukazzjoni u bl-iffinanzjar ta' stazzjonijiet tal-midja li jxerrdu ideat demokratiċi u li jikxfu attivitajiet terroristiċi u 'l dawk li jsostnuhom,***

Or. sl

Emenda mressqa minn Mihael Brejc

Emenda 110
Paragrafu 7 b, it-tielet inċiż a (ġdid)

- ***il-promozzjoni ta' skambji ta' studenti u forom oħra ta' edukazzjoni,***

Or. sl

Emenda mressqa minn Mihael Brejc

Emenda 111
Paragrafu 7 b, ir-raba' inċiż a (ġdid)

- ***l-iffinanzjar ta' stazzjonijiet tal-midja li jxerrdu ideat demokratiċi u li jikxfu attivitajiet terroristiċi u 'l dawk li jsostnuhom,***

Or. sl

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 112
Paragrafu 7 b (ġdid)

7b. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi miżuri li jiżguraw li jkun hemm ħarsien tal-vittmi tat-terroriżmu u appoġġ għalihom, ukoll billi jiġi promoss l-iskambju ta' l-aħjar prattiki u sett uniformi ta' garanziji fuq livell ta' l-UE;

Or. en

Emenda mressqa minn Luciana Sbarbati

Emenda 113
Paragrafu 7

7. Għalhekk huwa mħasseb minħabba l-fatt li l-mekkaniżmu ta' solidarjetà ***u r-riżorsi tal-baġit allokati lilu jidhru li għadhom*** mhux ***adegwati*** biżżejjed biex ***ilaħħqu*** mad-diżastri naturali, bħal reġjuni sħaħ meqruda min-nirien jew mill-għargħar (anke jekk huwa aħjar milli kien);

Or. it

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 114
Sottointestatura wara l-Artikolu 8

Koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Kunsill

Or. en

Emenda mressqa minn Claudio Fava, Stavros Lambrinidis, Javier Moreno Sánchez, Martine Roure, Jan Marinus Wiersma

Emenda 115
Paragrafu 8

8. Iqis li *minnufih* wara l-iffirmar tat-Trattati ta' emenda, il-Parlamenti *Ewropew* u *l-parlamenti* nazzjonali għandhom ***iniedu eżerċizzju konġunt ta' evalwazzjoni*** ta' l-Istrateġija Ewropea Kontra t-Terroriżmu***, sabiex iħejju*** forma ġdida ta' "Djalogu ta' livell għoli" f'dan il-qasam ***flimkien mar***-rappreżentanti ***taċ-ċittadini fil-livell ta' l-UE u f'dak*** nazzjonali;

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 116
Paragrafu 8 a (ġdid)

8a. Filwaqt li jżomm f'moħħu li t-Trattat ta' Liżbona se jidħol fis-seħħ fl-2009, u li l-Istituzzjonijiet Ewropej, sa mill-2008, għandhom joħolqu l-kundizzjonijiet sabiex dan jidħol fis-seħħ;

iqis li l-proposti li jaqgħu taħt il-proċedura ta' kodeċiżjoni u li ma jiġux konklużi qabel id-dħul fis-seħħ tat-trattat il-ġdid, jitqiesu bħala 'kważi-kodeċiżjoni'

Or. en

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 117
Paragrafu 8 a (ġdid)

8a. ***Jinnota l-pakkett il-ġdid ta' proposti għal-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu li jikkonċerna id-deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill dwar l-użu tad-dettalji tal-passiġġieri (Passenger Name Record - PNR) għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, id-direttiva dwar l-isplussivi u r-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu; huwa ddeterminat li jevalwa l-proposti fuq il-bażi ta' argumenti msejsa fuq il-fatti;***

Or. en

Emenda mressqa minn Alexander Alvaro

Emenda 118
Paragrafu 8 a (ġdid)

8a. ***Jemmen li l-koordinatur ta' l-UE ta' kontra t-terroriżmu għandu jkollu rwol importanti fl-istrateġija Komunitarja u li r-responsabilitajiet attwali tiegħu ma jippermettulux l-ispazju meħtieġ biex jagħmel dan;***

Or. de

Emenda mressqa minn Alexander Alvaro

Emenda 119
Paragrafu 8 b (ġdid)

8b. ***Jistenna li, b'koperazzjoni mal-Parlament Ewropew, tiġi żviluppata strateġija għall-politika ta' l-UE kontra t-terroriżmu li mhux biss ikollha tema ċentrali u approċċ integrali, iżda, fuq kollox, tistipula miżuri ċari għall-ġejjieni qarib u fuq żmien medju u fit-tul;***

Or. de

[1] Ara: http://register.consilium.eu.int/pdf/en/05/st14/st14469-re04.en05.pdf

[2] Fit-Trattat ta' Riforma, it-terroriżmu jiġi ttrattat fil-politika għad-difiża (Artikolu 28) u f'politiki oħra (kwistjonijiet kriminali, Art. 67a, Europol, Art. 69k) ara: http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cmsUpload/cg00001re01en.pdf

[3] Fit-Trattat ta' Riforma, it-terroriżmu jiġi ttrattat fil-politika għad-difiża (Artikolu 28) u f'politiki oħra (kwistjonijiet kriminali, Art. 67a, Europol, Art. 69k) ara: http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cmsUpload/cg00001re01en.pdf